

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/300****tal-24 ta' Frar 2022****li jimplimenta l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK <sup>(2)</sup>, il-Kunsill iddeċieda li jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġġeddu sat-28 ta' Frar 2023.
- (3) Jenħtieġ li d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet jew l-informazzjoni għal 27 persuna fiżika u seba' persuni ġuridiċi inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġu emendati.
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2022.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. PANNIER-RUNACHER

<sup>(1)</sup> ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella “A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 2(1)”, l-entrati 2, 3, 8, 16, 18, 19, 20, 21, 30, 31, 33, 46, 49, 50, 53, 70, 77, 87, 88, 112, 114, 121, 123, 124, 125, 127 u 144 huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal-elekar
“2.	Dzmitry Valerievich PAULICHENKA,  Dmitri Valerievich PAVLICHENKO (Dmitriy Valeriyevich PAVLICHENKO)	Дзмітрый Валер’евіч ПАЎЛІЧЭНКА  Дмитрий Валериевич ПАВЛИЧЕНКО	Posizzjoni(jiet): eks Kmandant tal-Unità ta’ Reazzjoni Rapida Speċjali (SOBR)  Kmandant ta’ unità tal-OMON  Data tat-Twelid: 1966  Post tat-twelid: Vitebsk/ Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (illum, Belarussja)  Indirizz: Belarusian Association of Veterans of Special Forces of the Ministry of Internal Affairs ‘Honour’, 111 Mayakovskogo St., 220028 Minsk, Belarus  Sess: raġel	Persuna ċentrali fl-għajbien mhux solvut ta’ Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999-2000. Eks Kmandant tal-Unità ta’ Reazzjoni Rapida Speċjali (SOBR) fil-Ministeru għall-Intern.  Negozjant, Kap ta’ “Honour” (Unur), l-Assoċjazzjoni tal-Ministeru għall-Intern tal-Veterani tal-Forzi Speċjali tal-Ministeru għall-Intern.  Huwa ġie identifikat bħala kmandant ta’ unità tal- OMON matul ir-repressjoni brutali fuq id-dimostrant, li seħħet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020.	24.9.2004
3.	Viktar Uladzimiravich SHEIMAN (Viktar Uladzimiravich SHEYMAN)  Viktor Vladimirovich SHEIMAN (Viktor Vladimirovich SHEYMAN)	Віктар Уладзіміравіч ШЭЙМАН  Виктор Владимирович ШЕЙМАН	Posizzjoni(jiet): Eks Kap tal-Belarus President Property Management Directorate  Data tat-Twelid: 26.5.1958  Post tat-twelid: Soltanishki, Reġjun/Oblast ta’ Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)  Indirizz: Belarus President Property Management Directorate, 38 Karl Marx St., 220016 Minsk, Belarus  Sess: raġel	Eks Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Responsabbli għall-għajbien mhux solvut ta’ Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999-2000. Eks Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà. Sheiman għadu Assistent Speċjali tal-President.  Huwa għadu membru influwenti u attiv tar-reġim ta’ Lukashenka.	24.9.2004
8.	Siarhei Mikalaevich KHAMENKA  Sergei Nikolaevich KHOMENKO	Сяргей Мікалаевіч ХАМЕНКА  Сергей Николаевич ХОМЕНКО	Posizzjoni(jiet): Eks Viċi Ministru għall- Affarijiet Interni, Maġġur General tal-Milizzja (forza tal-pulizija)  Ministru għall-Ġustizzja	Fil-pożizzjoni preċedenti ta’ tmexxija tiegħu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, kien responsabbli għall-kampanja ta’ repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru	2.10.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
			Data tat-Twelid: 21.9.1966 Post tat-twelid: Yasinovataya, eks Unjoni Sovjetika (issa Ukrajna) Sess: raġel	għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrariji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Ministru għall-Ġustizzja.	
16.	Aliksandr Mikhailovich ALIASHKEVICH  Alexander Mikhailovich ALESHKEVICH	Аляксандр Міхайлавіч АЛЯШКЕВІЧ  Александр Михайлович АЛЕШКЕВИЧ	Posizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi Kap tad- Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovsky, Minsk, Kap tal- Pulizija Kriminali  Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal- Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Leninsky, Minsk Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovsky, Minsk u Kap tal- Pulizija Kriminali, huwa kien responsabbli għall- kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arrestu arbitrariji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Leninsky, Minsk.	2.10.2020
18.	Aliksandr Paulavich VASILIEU  Alexander Pavlovich VASILIEV	Аляксандр Паўлавіч ВАСІЛЬЕЎ  Александр Павлович ВАСИЛЬЕВ	Posizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal- Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar- Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/ Homyel  Kap tal-Akkademja tal-Ministeru tal- Affarijiet Interni  Data tat-Twelid: 24.3.1975 Post tat-twelid: Mahiliou/Mogilev, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad- Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall- arrestu arbitrariji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	2.10.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
19.	Aleh Mikalaevich SHULIAKOUSKI  Oleg Nikolaevich SHULIAKOVSKI	Алег Мікалаевіч ШУЛЯКОЎСКИ  Олег Николаевич ШУЛЯКОВСКИЙ	Posizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel Kap tal-Pulizija Kriminali  Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest  Data tat-Twelid: 26.7.1977  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija Kriminali, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun /l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrariji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest.	2.10.2020
20.	Anatol Anatolievich VASILIEU  Anatoli Anatolievich VASILIEV	Анатоль Анатольевіч ВАСІЛЬЕЎ  Анатолий Анатольевич ВАСИЛЬЕВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika  Viċi President tal-Kumitat Investigattiv  Data tat-Twelid: 26.1.1972  Post tat-twelid: Gomel/Homyel, Ir-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun /l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrariji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi President tal-Kumitat Investigattiv.	2.10.2020
21.	Aliaksandr Viachaslavovich ASTREIKA  Alexander Viacheslavovich ASTREIKO	Аляксандр Вячаслававіч АСТРЭЙКА  Александр Вячеславович АСТРЕЙКО	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija)  Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest u Maġġur Ġeneral tal-Milizzja, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrariji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.	2.10.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
			Data tat-Twelid: 22.12.1971 Post tat-twelid: Kapyl, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk.	
30.	Uladzimir Viktaravich KALACH Vladimir Viktorovich KALACH	Уладзімір Віктаравіч КАЛАЧ Владимир Викторович КАЛАЧ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB) Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja - Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija li kellu bħala Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), kien responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrariji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk.	2.10.2020
31.	Aliieg Anatolevich CHARNYSHOU Oleg Anatolevich CHERNYSHEV	Алег Анатольевич ЧАРНЫШОЎ Олег Анатольевич ЧЕРНЫШЁВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB) Viċi President tal-Presidju tal-Akkademja Nazzjonali tax-Xjenzi Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija li kellu bħala Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), huwa kien responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrariji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi President tal-Presidju tal-Akkademja Nazzjonali tax-Xjenzi.	2.10.2020
33.	Lidzia Mihailauna YARMOSHINA Lidia Mikhailovna YERMOSHINA	Лідзія Міхайлаўна ЯРМОШЫНА Лидия Михайловна ЕРМОШИНА	Pożizzjoni(jiet): Eks President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-Twelid: 29.1.1953 Post tat-twelid: Slutsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala l-President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC), hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni.	2.10.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				B'mod partikolari, is-CEC u t-tmexxija tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettoralni taħt is-supervizzjoni tagħha tkun żbilanċjata.	
46.	Viktar Aliksandravich LUKASHENKA  Viktor Aleksandrovich LUKASHENKO	Віктар Аляксандравіч ЛУКАШЭНКА  Віктор Александровіч ЛУКАШЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Eks Konsulent tal-President dwar is-Sigurtà Nazzjonali, Membru tal- Kunsill tas-Sigurtà  President tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali tal-Belarussja  Data tat-Twelid: 28.11.1975  Post tat-twelid: Mahiliou/Mogilev (eks Unjoni Sovjetika, issa Belarussja)  Sess: raġel  Identità Personali: 3281175A014PB8	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Konsulent tal- President dwar is-Sigurtà Nazzjonali u Membru tal- Kunsill tas-Sigurtà, kif ukoll il-pożizzjoni supervizzorja informali tiegħu fuq il-forzi tas-sigurtà tal-Belarussja, huwa kien u għadu responsabbli għall- kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrariji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-President tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali. F'din il-pożizzjoni, li nħatar għaliha fis-26 ta' Frar 2021, huwa responsabbli għat-trattament ħażin mill- uffiċjali tal-NOC tal-atleta Krystsina Tsimanouskaya matul l-Olimpijati tas-Sajf tal-2020 f'Tokyo.	6.11.2020
49.	Raman Ivanavich MELNIK Roman Ivanovich MELNIK	Раман Іванавіч МЕЛЬНІК Роман Івановіч МЕЛЬНІК	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni  Kap tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Leninsky ta' Minsk  Data tat-Twelid: 29.5.1964  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Protezzjoni tal- Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni fil-Ministeru għall- Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall- kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrariji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti.	6.11.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekkar	Data tal-elekkar
				Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Leninsky ta' Minsk.	
50.	Ivan Danilavich NASKEVICH Ivan Danilovich NOSKEVICH	Іван Данилавіч НАСКЕВІЧ Иван Данилович НОСКЕВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Eks President tal-Kumitat Investigattiv Membru tar-riżerva tal-Kumitat Investigattiv Data tat-Twelid: 25.3.1970 Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Cierabličy fir-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika, (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-President tal-Kumitat Investigattiv, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija minn dak il-Kumitat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, partikolarment minħabba l-investigazzjonijiet mibdija kontra l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u kontra d-dimostranti paċifiċi. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala membru tar-riżerva tal-Kumitat Investigattiv.	6.11.2020
53.	Andrei Fiodaravich SMAL Andrei Fyodorovich SMAL	Андрэй Фёдаравіч СМАЛЬ Андрей Фёдорович СМАЛЬ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat Investigattiv Data tat-Twelid: 1.8.1973 Post tat-twelid: Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-Viċi President tal-Kumitat Investigattiv, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-Kumitat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, partikolarment minħabba l-investigazzjonijiet mibdija kontra l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u kontra d-dimostranti paċifiċi.	6.11.2020
70.	Aleh Heorhievich KARAZEJ Oleg Georgevich KARAZEJ	Алег Георгіевіч КАРАЗЕЙ Олег Георгиевич КАРАЗЕЙ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Professur assoċjat fl-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-Twelid: 1.1.1979 Post tat-twelid: Ir-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala professur assoċjat fl-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	17.12.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal-elekar
77.	Viktar Ivanavich STANISLAUCHYK  Viktor Ivanovich STANISLAVCHIK	Віктар Іванавіч СТАНІСЛАЎЧЫК  Виктор Иванович СТАНИСЛАВЧИК	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kap tad- Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk, Kap tal-Pulizija tas- Sigurtà Pubblika  L-ewwel Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Studji Avanzati u Speċjalisti tal-Ministeru għall- Affarijiet Interni  Data tat-Twelid: 27.1.1971  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk u Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal- pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.  Skont ix-xhieda, huwa ssorvelja personalment id-detenzjoni ta' dimostranti paċifiċi u s-swat ta' dawk detenuti illegalment.  Huwa jibqa' attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi kap taċ-Ċentru ta' Studji Avanzati u Speċjalisti tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	17.12.2020
87.	Aliaksandr Vasilevich SHAKUTSIN  Aleksandr Vasilevich SHAKUTIN	Аляксандр Васільевіч ШАКУЦІН  Александр Васильевич ШАКУТИН	Pożizzjoni(jiet): Negożjant, president tal- bord tad-diretturi tal-impriża Amkodor  Data tat-Twelid: 12.1.1959  Post tat-twelid: Bolshoe Babino, Orsha Rayon, Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)  Sess: raġel	Huwa wieħed min-negożjanti ewlenin li joperaw fil- Belarussja, b'interessi kummerċjali fis-setturi tal- kostruzzjoni, tal-bini tal-magni, tal-agrikoltura u oħrajn.  Huwa rrapportat li huwa wieħed mill-persuni li bbenefikaw l-aktar mill-privatizzazzjoni matul il-mandat ta' Lukashenka bħala President. Huwa wkoll eks membru tal-presidju tal-assoċjazzjoni pubblika favur Lukashenka "Belaya Rus" u eks membru tal-Kunsill għall-Iżvilupp tal- Intraprenditorija fir-Repubblika tal-Belarussja.  F'Lulju 2020 għamel kummenti pubbliċi li kkundannaw il-protesti tal-oppożizzjoni fil- Belarussja, u b'hekk appoġġa l-politika ta' repressjoni tar-reġim ta' Lukashenka lejn dimostranti paċifiċi, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili.	17.12.2020



	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
				Huwa għad għandu interessi kummerċjali fil-Belarussja.	
88.	Mikalai Mikalaevich VARABEI/VERABEI  Nikolay Nikolaevich VOROBAY	Мікалай Мікалаевіч ВАРАБЕЙ/ВЕРАБЕЙ  Николай Николаевич ВОРОБЕЙ	Pożizzjoni(jiet): Negożjant, koproprietarju tal-Bremino Group  Data tat-Twelid: 4.5.1963  Post tat-twelid: Repubblika Sovjetika Ukrena (issa Ukrajna)  Sess: raġel	Huwa wieħed min-negożjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja u kellu u għad għandu interessi kummerċjali fis-setturi taż-żejt, tat-tranżitu tal-faħam, tal-banek u oħrajn.  Huwa l-koproprietarju tal-Bremino Group – kumpannija li gawdiet minn ħelsien mit-taxxa u forom oħra ta' appoġġ mill-amministrazzjoni Belarussa. Il-kumpannija tiegħu BelKazTrans ingħatat dritt esklussiv li tittrasferixxi l-faħam fil-Belarussja. F'Diċembru 2020, huwa ttrasferixxa wħud mill-assi tiegħu lill-assoċjati kummerċjali qrib tiegħu. Skont rapporti tal-media huwa għadu jikkontrolla l-kumpanniji Interservice and Oil Bitumen Plant. Huwa għad għandu attivitajiet kummerċjali mal-awtoritajiet fil-Belarussja u għadu jżomm relazzjonijiet mill-qrib magħhom u ta żewġ karozzi lussużi lil Lukashenka. Huwa għandu wkoll interessi kummerċjali fl-Ukrajna u r-Russja.  Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	17.12.2020
112.	Siarhei Aliksandravich GUSACHENKA  Sergey Alexandrovich GUSACHENKO	Сяргей Аляксандравіч ГУСАЧЭНКА  Сергей Александрович ГУСАЧЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Viċi President tal-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat (Belteleradio Company)  Data tat-Twelid: 05.11.1983  Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)  Sess: raġel  Nazzjonalità: Belarussa  Tel. (uffiċċju): (+375-(17) 369-90-15	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Viċi President ta' Belteleradio Company, (il-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat), awtur u preżentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda ta' kull ġimgħa "Glavnyy efir", Siarhei Gusachenka kien u għadu intenzjonalment jipprovdi lill-pubbliku Belarussu informazzjoni falza dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet, il-protesti, ir-repressjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet statali u l-attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa direttament responsabbli għall-mod li bih it-televiżjoni tal-istat jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka.  Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekkar	Data tal-elekkar
114.	Volha Mikalaeuna CHAMADANAVA  Olga Nikolaevna CHEMODANOVA	Вольга Мікалаеўна ЧАМАДАНАВА  Ольга Николаевна ЧЕМОДАНОВА	Pożizzjoni(jiet): Eks Segretarju tal-Istampa tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal- Belarussja  Kap tad-Direttorat Ewlieni għall-Ideoloġija u ż-Żgħażaġħ tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk  Data tat-Twelid: 13.10.1977  Post tat-twelid: Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum Belarussja)  Sess: mara  Nazjonalità: Belarussa  Grad: Kurunell  Passaport: MC1405076	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala l-persuna ewlenija għall-media tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, Volha Chamadanava qdiet rwol ewlieni fl-aljenazzjoni u fit-tgħawwiġ tal-fatti rigward il-vjolenza kontra d-dimostranti, kif ukoll fit-tixrid ta' informazzjoni falza dwarhom. Hija heddet lid-dimostranti paċifiċi u ġġustifikat kontinwament il-vjolenza kontrihom.  Peress li kienet tagħmel parti mill-apparat tas-sigurtà u tkellmet f'ismu, hija għaldaqstant qed tappoġġa lir- reġim ta' Lukashenka.  Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Direttorat Ewlieni għall-Ideoloġija u ż-Żgħażaġħ tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk.	21.6.2021
121.	Liliya Valereuna LUKASHENKA (SIAMASHKA)  Liliya Valerevna LUKASHENKO (SEMASHKO)	Лілія Валер'еўна ЛУКАШЭНКА (СЯМАШКА)  Лілія Валер'еўна ЛУКАШЕНКО (СЕМАШКО)	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, direttur ta' gallerija tal-arti  Data tat-Twelid: 29.10.1979  Sess: mara  Nazjonalità: Belarussa  Identità personali: 4291079A047PB1	Liliya Lukashenka hija mart Viktor Lukashenka u bint tar-rispett ta' Aliksandr Lukashenka. Hija kienet marbuta mill-qrib ma' għadd ta' kumpanniji ta' profil għoli, li bbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka, inkluż Dana Holdings / Dana Astra u l-impriża Belkhudozhpromysly. Hija kien preżenti, flimkien ma' żewġha Viktor Lukashenka, għall- inawgurazzjoni sigrieta ta' Aliksandr Lukashenka f'Settembru 2020.  Attwalment hija d-direttriċi tal-gallerija tal-arti "Art Chaos". L-attivitajiet kummerċjali tagħha huma promossi mill-media affiljata mar-reġim.  Għaldaqstant qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	21.6.2021
123.	Aliksandr Yauhenavich SHATROU  Alexander (Alexandr) Evgenovich SHATROV	Аляксандр Яўгенавіч ШАТРОЎ  Александр Евгеньевич ШАТРОВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, azzjonist u eks kap ta' Synesis LLC  Data tat-Twelid: 9.11.1978  Post tat-twelid: Unjoni Sovjetika (illum Federazzjoni Russa)  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala eks kap u eks azzjonist maġġoritarju ta' Synesis LLC, Alexander Shatrov kien responsabbli għal dik id-deċiżjoni ta' dik il-kumpannija li tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi pjattaforma ta' sorveljanza, Kipod, li tista' tfitex	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Nazzjonalità: Russa, Belarussa Identità personali: 3091178A002VF5	ffilmati u tanalizzahom, u tuża software ta' rikonoxximent tal-wiċċ. Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat.  Synesis LLC u s-sussidjarja tagħha Panoptes jibbenefikaw mis-sehem tagħhom fis-Sistema ta' Monitoraġġ tas-Sikurezza Repubblikana. Kumpanniji oħra li tagħhom Shatrov kien proprjetarju jew koproprietarju, bħal BelBet u Synesis Sport, ukoll ibbenefikaw minn kuntratti tal-gvern.  Huwa għamel stqarrijiet pubbliċi fejn ikkritika lil dawk li kienu qed jipprotestaw kontra r-reġim ta' Lukashenka u qiegħed f'perspettiva n-nuqqas ta' demokrazija fil-Belarus. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah. Huwa għadu azzjonist ta' Synesis LLC.	
124.	Siarhei Siamionovich TSIATSERYN  Sergei Semionovich TETERIN	Сяргей Сямёнавіч ЦЯЦЕРЫН  Сергей Семёнович ТЕТЕРИН	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, sid ta' BelGlobalStart, koproprietarju ta' VIBEL, eks President tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis  Data tat-Twelid: 7.1.1961  Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)  Sess: raġel  Nazzjonalità: Belarussa	Siarhei Tsiatseryn huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarus, b'interessi kummerċjali fid-distribuzzjoni ta' xarbiel alkoħoliċi (permezz tal-kumpannija tiegħu "BelGlobalStart"), prodotti tal-ikel u għamara. Huwa parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' Lukashenka.  Fl-2019, BelGlobalStart ingħatat opportunità li tidda l-bini ta' ċentru multifunzjonali ta' negozju quddiem il-palazz presidenzjali f'Minsk. Huwa koproprietarju tal-kumpannija VIBEL li tbigħ reklami fuq għadd ta' stazzjonijiet televiżivi nazzjonali Belarussi. Huwa kien il-president tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis u eks assistent ta' Lukashenka għal kwistjonijiet sportivi.	21.6.2021
125.	Mikhail Safarbekovich GUTSERIEV	Микаил (Михаил) Сафарбекович ГУЦЕРИЕВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, azzjonist u president tal-bord eżekuttiv tal-kumpannija Safmar u Slavkali  Data tat-Twelid: 9.5.1958  Post tat-twelid: Akmolinsk, eks Unjoni Sovjetika (illum Każakistan)	Mikhail Gutseriev huwa negozjant prominenti Russu, b'interessi kummerċjali fil-Belarus fis-setturi tal-enerġija, tal-potassa, tal-ospitalità u oħrajn. Huwa ilu żmien twil konoxxenza ta' Aliaksandr Lukashenka u bis-saħħa ta' dik l-assoċjazzjoni akkumula għid u influwenza sinifikanti fost l-elit politiku fil-Belarus. Safmar,	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Sess: raġel	<p>kumpannija li kienet ikkontrollata minn Gutseriev, kienet l-unika ditta taż-żejt Russa li komplet tforni ż-żejt lir-raffineriji Belarussi waqt il-kriżi tal-enerġija bejn il-Belarussja u r-Russja fil-bidu tal-2020.</p> <p>Gutseriev appoġġa wkoll lil Lukashenka f'tilwim mar-Russja dwar il-kunsinni taż-żejt. Gutseriev kien il-president tal-bord tad-diretturi u azzjonist fil-kumpannija Slavkali, li qed tibni l-impjant ta' Nezhinsky għat-tħaffir u l-ipproċessar tal-klorur tal-potassju bbażat fuq id-depożitu ta' melħ potassiku ta' Starobinsky qrib Lyuban. Huwa l-akbar investiment fil-Belarussja, b'valur ta' USD 2 biljun. Lukashenka wiegħed li jibdel l-isem tal-belt ta' Lyuban għal Gutserievsk biex jagħtih gieh.</p> <p>In-negozji l-oħrajn tiegħu fil-Belarussja inkludew stazzjonijiet tal-fjuwil u mħażen taż-żejt, lukanda, ċentru tan-negozju u terminal tal-ajruport f'Minsk. Lukashenka ddefenda lil Gutseriev wara li nbdiet investigazzjoni kriminali kontrih fir-Russja.</p> <p>Lukashenka rringrazzja wkoll lil Gutseriev għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu għall-karità u l-investimenti ta' valur ta' biljuni ta' dollari fil-Belarussja. Gutseriev huwa rrapportat li rregala lil Lukashenka rigali lussużi.</p> <p>Gutseriev ddikjara wkoll li huwa s-sid ta' residenza, li de facto tappartjeni lil Lukashenka, u b'hekk għattielu meta l-ġurnalisti bdew jinvestigaw l-assi ta' Lukashenka. Gutseriev attenda l-inawgurazzjoni sigrieta ta' Lukashenka fit-23 ta' Settembru 2020. F'Ottubru 2020, Lukashenka u Gutseriev it-tnejn deheru fil-ftuħ ta' knisja ortodossa, li dan tal-aħħar sponsorja.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Nazzjonalità: Russa	Skont rapporti tal-media, meta l-impjegati tal-media tal-istat Belarussa li kienu qed jistrakjaw tkeċċew f'Awwissu 2020, ħaddiema tal-media Russi twasslu lejn il-Belarussja abbord inġenji tal-ajru li jappartjenu lil Gutseriev sabiex jissostitwixxu l-ħaddiema mkeċċija, u qagħdu fil-lukanda Minsk Renaissance Hotel li tappartjenu lil Gutseriev. Gutseriev assista fl-akkwist tal-iskanners tas-CT għall-Belarussja matul il-kriżi tal-COVID-19. Għaldaqstant Mikhail Gutseriev qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	
127.	Aliaksandr Mikalaevich ZAITSAU  Alexander (Alexandr) Nikolaevich ZAITSEV	Аляксандр Мікалаевіч ЗАЙЦАЎ  Александр Николаевич ЗАЙЦЕВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, koproprietarju tal-Bremino Group u tas-Sohra Group  Data tat-Twelid: 22.11.1976  Post tat-twelid: Ruzhany, ir-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)  Sess: raġel  Nazzjonalità: Belarussa	Aliaksandr Zaitsau huwa l-eks assistent ta' Viktor Lukashenka, iben u eks Konsulent dwar is-Sigurtà Nazzjonali għal Aliaksandr Lukashenka. Permezz ta' aċċess għall-familja Lukashenka Zaitsau jikseb kuntratti ta' valur għoli għan-negozji tiegħu. Huwa kellu u għad għandu rabtiet mill-qrib mas-Sohra Group li nġhata d-dritt li jesperta l-produzzjoni ta' intrapriżi proprjetà tal-istat (tratturi u trakkijiet) fil-pajjiżi tal-Golf u pajjiżi Afrikani. Huwa wkoll il-koproprietarju u l-president tal-Kunsill tal-parteċipanti ta' Bremino Group. Il-kumpannija rċeviet appoġġ mill-istat għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra. Zaitsau u sidien oħra ta' Bremino Group irċevew appoġġ minn Viktor Lukashenka.  Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	21.6.2021
144.	Andrei Siarheevich БАКАЧ Andrei Sergeevich БАКАЧ	Андрэй Сяргеевіч БАКАЧ Андрей Сергеевич БАКАЧ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaysky ta' Minsk  L-ewwel Viċi Kap tad-Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Grodno/Hrodna.	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Pervomaysky f'Minsk, Andrei Bakach kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-forzi tal-pulizija li jappartjenu għal dik iż-żona tal-pulizija u għall-azzjonijiet li seħħew	21.6.2021"

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
			Data tat-Twelid: 19.11.1983 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel Nazjonalità: Belarussa	fl-għassa tal-pulizija. Matul il-mandat tiegħu ta' Kap, id-dimostranti paċifiċi f'Minsk ġew soġġetti għal trattament kiefer, inuman u degradanti fl-għassa tal-pulizija taħt il-kontroll tiegħu.  Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Grodno/Hrodna.	

(2) tabella "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)" hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
